MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**

**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2014

Talba Numru. 521/2013

Mobisle **Communication Limited**

**C 24655**

**Vs**

**Hrubsa Martin**

**ID 58097A**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-17 ta' Settembru, 2013 illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn sitt mija tlieta u hamsin ewro u zewg centezmi (€2,653.02) in konnessjoni ma' 79452126 (AC40163142), liema servizzi gew ikkuntrattati permezz ta' kuntratt datat 1 ta' Dicembru, 2010.

Illi s-somma ta' elfejn sitt mija tlieta u hamsin ewro u zewg centezmi (€2,653.02) fuq indikata hija komposta minn elf disa' mija erbgha u erbgha u hamsin ewro u zewg centezmi (€1,954.02) dovuti in konnessjoni mas-servizz u dan skont

dokument A anness, flimkien ma sitt mija disgha u disghin ewro (€699) dovuti bhala penali skont il-kuntratt.

Illi interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa' inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 2261/12, u bl-imghax mit-2 t'Ottubru, 2012, data tal-imsemmija ittra ufficjali.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tal-14 ta' Frar, 2014 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici fis-seduta tal-14 ta' Frar, 2014 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elfejn sitt mija tlieta u hamsin ewro u zewg centezmi (€2,653.02) bl-imghaxv mit-2 t'Ottubru, 2012, sad-data sal-pagament effettiv.

L-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 2261/12, ikunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------